MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Numru. 288/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Publio Buttigieg bin Emanuel u Geswalda nee` Bonello,**
**imwieled fil-21 ta' Mejju, 1957 u residenti Buttigieg House,**
**Triq Ghajnsielem, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 31757(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra l-hawn fuq imsemmi Publio Buttigieg li gie akkuzat talli fil-11 ta' Frar, 2007 ghal habta ta' 02:50 hrs fi Triq ix-Xatt, Mgarr, Ghawdex;

1. Iggestixxa l-istabbiliment tieghu tal-catering maghruf bhala Kafe Vilhena wara s-01:00hrs minghajr il-permess ta’ l-Awtorita’ tat-Turizmu ta’ Malta bi ksur tar-Regolament 36, it-Tielet Skeda, Taqsima II 03 tal-Avviz Legali 1/2006
2. Aktar talli fl-istess data, hin u post bhala l-persuna illi f’ismu ghandu licenzja ta’ l-imsemmi hanut naqas li jhares xi wahda mid-dispozizzjojijiet tal-Att Dwar Servizzi ta’ l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha hija soggetta l-licenzja billi daqq muzika fil-hanut tieghu wara l-23:00 hrs u dan bi ksur tal-Artikolu 43 (1)(b) tal-Kap 409 u Regolament 38(2)(a) tal-Avviz Legali 1/2006.
Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Fuq ammissjoni issibu hati.

Wara li rat ir-Regolament 36, it-Tielet Skeda, Taqsima Π 03 tal-Avviz Legali 1/2006, r-Regolament 38(2)(a) tal-Avviz Legali 1/2006, u l-artikolu 29 tal-Kap 441 tal-ligijiet ta’ Malta.

Issibu hati.

Tikkundannah fuq l-ewwel akkuza ammenda ta hamsin lira Maltin (Lm50) u fuq it-tieni akkuza ammenda ta’ hamsin lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------